MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 346/1999/1

**Rose Marie Stagno Navarra, William Pace, Anne Marie Carbonaro, Alan J. Alden, Matthew von Brockdorf, Graziella Travers, Rose Marie Clark, Edwige u Frank Sapienza, Joyce Lindsay, Brigitte Pace, Jackie Arrigo, Lilian Janette Everitt, David de Giovanni, Antoinette Naudi, Richard H. Matrenza, Josie Farrugia, Mary Said, George Shaw, Lyn Fletcher, Arnold Cassola, Charles V. Sammut, Carmel Cuschieri, Marie Cabourdin, William Spiteri, Paul Fenech, Joseph Lupi, Rupert Portanier, Marthese Xuereb, Joe Abela, Marlene Abela, Veronica Said, John Busuttil, Anne Chetcuti, Cecil R. Busuttil Leaver**

**v.**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Tony Borg**

**Il-Qorti;**

Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni tad-deserzjoni o meno ta' dana l-appell, kwistjoni li giet ventilata l-ewwel darba fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2003. Fl-ahhar udjenza, cioe` dik tal-1 ta' Dicembru, 2003, id-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Ian Refalo ghall-appellanti u l-Avukata Dott. Claire Stafrace Zammit ghall-Kummissjoni appellata – ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom dwar dana l-punt.

Jirrizulta mill-atti li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar inghatat fl-10 ta' Dicembru, 1999. L-appell gie ppresentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Dicembru, 1999. L-appellanti indikaw korrettement f'dana r-rikors, bhala l-kontropartijiet li kellhom jigu notifikati bl-istess rikors, il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp <u>u lil Tony Borg</u> (ara fol. 6 ta' l-Atti). Tony Borg, minkejja diversi differimenti moghtija minn din il-Qorti proprju biex l-appellanti jiehdu hsieb tali notifika (ara l-verbali ta' l-udjenzi tat-22 ta' Novembru, 2000, 6 ta' Frar, 2002, 1 ta' Lulju, 2002), baqa' sa l-ahhar udjenza ma giex notifikat[1]. Il-Qorti tosserva li l-unici zewg tentattivi biex dana Borg jigi notifikat bir-rikors ta' appell saru fid-29 ta' Dicembru, 1999 (ara riferta negattiva, fol. 2, tergo) u fit-12 ta' Jannar, 2000 (ara riferta negattiva, fol. 3, tergo). Minn dak iz-zmien l-appellanti baqghu gallerija u ma ghamlu xejn aktar.

Issa l-Artikolu 963(1)(2) tal-Kap. 12 jipprovdi li l-procedura bil-miktub ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-Appell fiz-zmien perentorju ta' sena, liema terminu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors ta' appell. Hu evidenti li jekk ma jkunx hemm in-notifika tal-appellat, dan qatt ma

[1] Il-Kummissjoni giet notifikata u pprezentat ir-risposta taghha fil-5 ta' Jannar, 2000.

jista' jkun jaf li sar ir-rikors ta' appell fil-konfront tieghu[2] b'mod li jitpogga fil-posizzjoni li jwiegeb ghal dak ir-rikors biex b'hekk il-procedura bil-miktub titqies maghluqa skond l-Artikolu 146 tal-Kap. 12. Tali notifika, ghalhekk, trid issir mhux biss entro t-terminu ta' sena mid-data tar-rikors ta' appell, izda trid issir qabel ma tiskadi dik is-sena b'tali mod li thalli spazju ghaz-zminijiet tar-risposta u tar-replika (Art. 144).

Meta l-procedura bil-miktub ma tkunx giet maghluqa fiz-zmien perentorju ta' sena kif fuq inghad, il-kawza (mhux semplicement, mela, l-appell izda l-kawza kollha kemm hi) titqies bhala dezerta (Art. 963(5)(b), Kap. 12), u s-sentenza appellata ssir gudikat (Art. 963(6)). F'dan il-kaz ma hemmx l-ostakolu ravvizat fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 732 tal-Kap. 12 peress li la Borg – li qatt ma gie notifikat – u anqas il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp (li giet nitifikata bir-rikors ta' appell) – qatt ma taw xi "eccezzjoni perentorja ohra".

L-abbili difensur ta' l-appellanti ssottometta, fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2003, li d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar dezerzjoni ma kienux japplikaw ghal appelli bhal dak odjern, cioe` ghal appelli minn decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Din il-Qorti ma taqbilx. Fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet specifici fil-Kap. 356 dwar kif ghandhom isiru u/jew jitmexxew appelli ghal u quddiem din il-Qorti minn decizzjonijiet tal-imsemmi Bord, necessarjament japplikaw *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 applikabbli ghall-proceduri quddiem din il-Qorti. Hekk, per ezempju, hemm it-terminu specifiku ta' hmistax-il jum sabiex isir ir-rikors ta' appell (Art. 15(10), Kap. 356), kif ukoll id-disposizzjoni specifika li *"appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord"* (Art. 15(2)). Mill-bqija japplikaw, kif inghad, id-dispisizzjonijiet l-ohra kollha tal-Kap. 12 li huma applikabbli ghall-proceduri quddiem din il-Qorti (ta' Appell).

---

[2] Fin-nuqqas ta' indikazzjoni cara fir-rikors ta' appell ta' min hi l-parti li kontra taghha qed isir l-appell (Art. 144(1), Kap. 12), wiehed ghandu necessarjament jassumi li l-appell qed isir sew kontra l-Kummissjoni kif ukoll kontra Tony Borg.

Ghal dawn il-motivi, tiddikjara l-kawza fl-ismijiet premessi bhala wahda li ghandha titqies dezerta fit-termini tal-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell. Spejjez a karigu ta’ l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------